MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Talba Numru. 240/2010

**Mobisle Communications Limited
C-24655**

**vs**

**Brincat Kevin
I.D.422775(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' elf, tmien mija u seba u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,897.28) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *415208* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2009 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, tmien mija u seba u disghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€1,897.28) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lill-*Mobisle Communications Limited* in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici skond diversi kontijiet mibghuta lilu fuq kuntratt bin-numru *415208* u dana fix-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2009.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Ottubru, 2011 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------